# FRA BASKAL

Għandek xi naqra ta' ġnien, inti li qiegħed taqra? Jekk għandek, nistħajlek li rabbejt fih xi siġra tal-ward tal-Madonna; u ġie li qagħadt titgħaxxaq bil-ġmiel tal-ward kbir tagħha, lewn aħmar ilellex, donnu qlub miftuħa; u riħa ħelwa ħierġa minnu, li minn qalb il-warda, tidħol fil-qalb ta' min ixommha.

U nistħajjlek ukoll li taħt xi ħajt tad-dell, għandek xi ħammiela xitel tal-vjoli, sfiq-sfiq u kiebi-kiebi; u ġie li qagħadt titgħaxxaq bil-ward tiegħu, żgħir u ikħal, 'l hawn u 'l hemm bejn il-weraq, li minnu tielgħa fwieħa rqiqa li tgħaxxi n-nifs li fih jiġbidha. Hekk nistħajjel jien, bħal ġnien imwarrad, huwa l-Ordni tar-Rħieb Franġiskani, jew kif semmieħ San Franġisk sa minn kif waqqfu: "ix-Xirka tal-Aħwa ż-Żgħar."

Għax fost il-Franġiskani, f'kull żmien u f'kull art, dejjem kien hemm Irħieb kbar u magħrufa, bħal ward tal-Madonna f'nofs il-ġnien, u Rħieb żgħar u minsija, bħal ward tal-vjoli taħt il-ħajt; imma dawn u dawk, isaħħru bit-tjieba tal-ħajja tagħhom. Bħal warda żgħira tal-vjoli, kiebja u rżina, taħt xi sinsla ta' ġnien dellija, nistħajjel li kien Fra Baskal Pola, ajk Terzjarju minn Sardenja, li nafu l-Palestina.

* * *

Lil Fra Baskal rajtu l-ewwel darba kif mort ngħallem u-iskola ta' Għajn Karem, ftit jiem wara li wasalt il-Palestina. Kien sagristan tal-knisja tat-Twelid ta' San Ġwann, fejn kont nieħu lit-tfal jisimgħu l-quddies kull filgħodu. Kont naraħ ibiddel il-ftejjel tal-lampieri, ineħħi t-trieħi tal-artali, jixgħel ix-xama' qabel il-quddies, u dan. Kien jiġbidlek il-ħarsa, għax kien ikraħ, miskin (ma narax kruħiti), donnu wiċċ ta' xadina: imkemmex kollu kemm hu b'tikmix irqiq, b'erba' żajbriet xagħar fuq ħdudu, ħfief u mkagħwxa, li jagħmluha ta' laħja. Hu kien jaf, milli jidher, li wiċċu xejn ma kien sabiħ, għax meta jersaq ikellem lil xi ħadd, kien dejjem jilbes il-barnuż f'rasu.

Imma għamilna ħbieb sewwa, Fra



**FRA PASQUALE POLA, O.F.M. (R.I.P.)**
**Ritratt meħud mill-kittieb.**

Baskal u jien, wara li mid-Dejr ta' San Ġwann, bagħtuh fid-Dejr ta' Santa Liżabetta. Għax dak iż-żmien, il-President ta' hemm, Patri Pietru Pantellini, kien sejjer l-Italja jara lil niesu u Fra Baskal baża' jorqod waħdu f'dak id-Dejr imwarrab. Xi jridu biex jaħbtu għalih il-Misilmin, bil-lejl, għax jaħsbu li għandu l-flus? L-aktar billi kien hemm midħla tiegħu wieħed Mis-

lem, isajjarlu xi ħaġa f'nofs inhar, li kien jaf ir-rkejjen tad-Dejr kollha, (dak ukoll! Kellu xi tletin sena u kien miżżewweġ tifla ta' disa' snin! Ħu n-nifsu qalilna. Ara dawn il-Misilmin!) U darba daħlu hemm billejl il-Għarab u serqu l-gwarnic tal-inkwatru minn fuq l-artal, għax ħasbuh tal-fidda. Jien nafu żmien twil l-inkwatru bla gwarnic. Meta għarfu li ma kienx tal-fidda, reġgħu ġebuh u tefgħuh fil-bitħa, bil-lejl ukoll. Mela, kif kien iħammem u jmaħħaħ kif sa jagħmel, Fra Baskal, tarrafli kelma biex kieku mmur jien norqod fid-Dejr miegħu, ħalli nwensu. U hekk għamilt jien. Għalija m'hux xorta waħda? Dak iż-żmien kont fl-aħjar ta' żogħżiti u ma kontx nibża' mill-friegħen, aħseb u ara mill-ħallelin!

Għal hekk, għal ħabta ta' nżul ixxemx, kull jum, kont nitlaq ċeklemċeklem lejn id-Dejr ta' Santa Liżabetta. Mill-iskola sa hemm, ma hemmx aktar minn għaxar minuti mixi, imma jien, b'meħli kollu, kont nagħmilha f'xi għoxrin. Kif nasal inċempel ilqanpiena u nara lil Fra Baskal ġej, bil-barnuż f'rasu u t-tbissima fuq xuftejh. Kif jarani, jgħidli: "Oh, Giovanni! Vieni, caro!" u jiftaħli r-*rixtellu* tal-ħadid, u jien nidħol ġewwa, fil-bitħa.

Jien noqgħod fuq bank tal-ħaġar, u hu jmur iġibli kikkra kafè. Noqogħdu nitħaddtu fuq il-Għarab, jew fuq ilqdumija tad-Dejr (għax hu ta' żmien is-Salibin, jiġifieri għandu mal-elf sena), imma l-aktar fuq in-nies it-tajba li kien jafhom pajjiżu, Sardenja, u fuq id-dehriet tal-qaddisin li kienu jaraw u kif kienu jqarbnuhom l-anġli, meta ma kienx ikun hemm qassis filknisja. U jien kont nurih li kont nemmen dan kollu, bħal ma kien jemmen hu.

Imbagħad konna mmorru l-knisja, nagħmlu żjara lil Qurban, u minn hemm nitilgħu għal kamra tal-ikel.

Hemm kien hemm naqra ta' mejda, imrawma, ħafif-ħafif, la Franġiskana: żewġ platti, sarvetta, mgħarfa, furketta u sikkina; bwejqa tal-ħġieġ bilmelħ, buqar ilma, flixkun żgħir inbit u tazza. Fra Baskal iġib is-soppa; iferragħ għalija u għalieh, inewwilli sinna tewm, li kien għallimni nogħrokha mal-imgħarfa biex tagħti togħma tajba (u kien għallimni ħaġa oħra: sa ngħidha biex ma ninsiex: jekk, meta tixraq, tħares lejn is-saqaf, ixxerqa tgħaddilek. Dan minnu, u għadni s'issa nagħmel dejjem hekk). Meta nixorbu s-soppa, iġib xi ħaġa moqlija, bajda, jew ħuta, jew nitfa laħam, u ftit patata, jew qara bagħli u dan. U fl-aħħar ftit frott, li dejjem hemm minnu Għajn Karem, li hi kollha siġar.

Wara li nieklu, noħorġu fuq is-setaħ u joqgħod jgħidli bħal dari, fuq ilġrajjiet tal-qaddisin. Imbagħad ngħidu l-Użarju u mmorru norqdu f'żewġ kmamar, kamra ħdejn kamra. Is-sodda tiegħu ġie li rajtha. Ma kellhiex saqqu; kien jorqod fuq il-ħadid. Filgħodu kmieni, kif jibda jbexbex, kien jiġi jħabbatli biex inqum, għax kont inħobb inbakkar għal knisja l-oħra, biex ngħin l-ewwel quddiesa fil-Għar fejn twieled San Ġwann.

Il-President ġie mill-Italja, u l-iskola għalqet għal btajjel, u jien tlaqt minn Għajn Karem ukoll. Imma kemm domt il-Palestina, inkun fejn inkun, kull meta nitla' Ġerusalem, kont naqbeż qabża sa Għajn Karem, nara li Fra Baskal. Inċempillu l-qanpiena. Jiġi u jsaqsi: "Chi c'è?" Ngħidlu: "Son io! Come sta, Pasqualino?" u jgħaġġel jiftaħli, jgħannaqni u jgħidli: "Giovanni! Giovanni!" Jaħasra, Fra Baskal! Tas-sew li kellu wiċċu wiċċ ta' xadina, imma ruħu kienet

ruħ ta' Anġlu, safja u kiebja, u l-ġid ma tinsieħ qatt.

U fid-19 ta' Marzu, erba' snin ilu, Fra Baskal miet. Għal hekk, ma naraħx aktar f'din id-dinja. Miet Ġerusalem, ta' ħamsa u tmenin sena. Ruħu bla ħjiena, ħafifa bħad-dawl, ittajret lejn is-Sema. Hemm nistħajjlu li għadu jiftakar fija, u nittama li jum m'hux bgħid, meta mmut jien ukoll u mmur inħabbat il-bieb tal-ġenna, insibu hemm jistennieni, u jarġa' jgħannaqni, u jgħidli bħal ma kien jgħidli fid-dinja: "Oh, Giovanni, Giovanni! Vieni, caro!"

GIOVANNI.

---

# FOST IL-KARTI QODMA

*Meta "Elsie" reġa' lura mill-Palestina, wara tnax-il sena li kien ilu hemm, sab l-ittri kollha li kien bagħat lil oħtu ma' tul daż-żmien merfugħin id-dar. Darba waħda qabad iqattagħhom. Imma meta kien qatta' xi nofshom, raġa' bdielu. Din hi waħda mill-ittri li ma laħaqx qatta' u għadha għandu sal-lum.*



**Il-Knisja ta' San Ġużepp. Mibnija fuq il-ħanut tal-qaddis, fejn kien jagħmel imħaret u xtabi u għodda oħra tar-raba ma' Ġesù Bambin.**

Emmaws, qrib Ġerusalem,
L-Aħħar jum tas-Sena, 1922.

Għażiża oħti,

L-aħħar darba ktibtlek minn Nazaret u l-lum qiegħed niktiblek minn Emmaws, qrib Ġerusalem. Kieku kont taf kemm hawn bgħid minn Ġerusalem sa Nazaret — xi ħames siegħat b'karozza tan-nar tvenven — kont taħseb li qiegħed nixxala ġmieli. Jiena nħobb nitbahrat, ngħid is-sewwa, u meta tiġi x-xoqqa f'moxtha, xejn ma jisgħob bija.

Biex tkun taf, jiena mort Nazaret fis-16 jew it-18 ta' Ottubru, domt hemm xahar u nofs, rajt wisq ħwejjeġ ta' min jarahom: il-Għar, fejn l-Anġlu ħabbar lil Madonna, is-Sinagoga, fejn il-Bambin kien imur jitgħallem, il-Blata ċatta, fejn ġie li kien imur jiekol ma' l-dixxipli tiegħu, u — l-aktar li għoġobni — il-Għar fejn kien jaħdem San Ġużepp u fejn trabba Ġesù, li kixfuh ftit qabel il-gwerra, wara li kien ilu mirdum u minsi mijiet ta' snin.

Dan il-Għar għadu ma hux mimsus, sewwa sew kif kien fi żmien Ġesù n-Nifsu. Huwa għar kbir u mrew-